MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 1229/2005

Dominic Farrugia u Mary Rose Mizzi
vs
Joseph u Katie konjugi Muscat u Anthony Farrugia

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha esponew:

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond numru disgha u sittin (69), Triq il-Mithna, Zurrieq, fllwaqt illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma proprjetarji tal-fond adjacenti, u cioe` l-fond numru tlieta u sebghin (73), Triq il-Mithna, Zurrieq; u

Illi fil-parti retrostanti tal-fond tal-atturi, hemm hajt divizorju, illi jifred il-fond tal-atturi mill-giardina retrostanti l-fond tal-konvenuti; u

Illi jehtieg illi l-atturi jaghmlu xi xoghol ta’ manutenzjoni fil-hajt in kwistjoni, u sabiex dan isir jehtieg illi l-atturi

jinghataw access mill-fond tal-konvenuti sabiex jaslu ghal dan il-hajt; illi oltre dan, qed ikun hemm perkolazzjoni ta’ ilma mill-giardina proprjeta` tal-konvenuti ghal gewwa l-fond tal-atturi, u per konsegwenza ta’ dan, l-atturi qed igarrbu hsarat fil-propjeta` taghhom, specjalment fl-ghamara; illi anke f’dan ir-rigward, jehtieg illi jsiru xogholijiet rimedjali fil-giardina proprjeta` tal-konvenuti, ghall-ilqugh tal-ilma; u

Illi ghalkemm il-konvenuti huma konsapevoli li jehtieg li jsir dan kollu, u kien hemm anke trattattivi sabiex dawn ix-xogholijiet ikunu jistghu jigu mwettqa, il-konvenuti qed jirrifjutaw li jaghtu lill-atturi u/jew persuni inkarigati minnhom tas-sengha, access ghal dan il-hajt mill-proprjeta` taghhom; u

Illi per konsegwenza ta’ dan, il-hsara fil-proprjeta` tal-atturi qed tkompli tikber u taggrava;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-atturi ghandhom jinghataw access mill-fond proprjeta` tal-konvenuti sabiex jaslu ghall-hajt divizorju li jifred il-fond tal-atturi mill-giardina tal-konvenuti, u dan sabiex isiru x-xogholijiet ta’ manutenzjoni u riparazzjoni mehtiega f’dan l-istess hajt, okkorrendo bl-opera ta’ Periti nominandi, u jekk ikun opportun, illi dan isir perjodikament.

2. Tordna ghalhekk lill-konvenuti sabiex jaghtu access lill-atturi u persuni tas-sengha mill-fond proprjeta` taghhom bil-ghan illi jigu mwettqa x-xogholijiet ta’ manutenzjoni u riparazzjoni mehtiega fil-hajt in kwisjoni, okkorrendo taht is-supervizjoni ta’ Periti nominandi.

3. Tiddikjara li l-atturi qed isofru danni per konsegwenza ta’ perkolazzjoni ta’ ilma mill-fond, ossia giardina, proprjeta` tal-konvenuti.

4. Tordna li l-konvenuti ghandhom jaghmlu dawk ix-xogholijiet rimedjali mehtiega fil-giardina taghhom sabiex ma jkunx hemm aktar perkolazzjoni ta’ ilma ghal gewwa il-

fond tal-atturi, u fin-nuqqas illi dawn ix-xogholijiet jigu ezegwiti mill-konvenuti fi zmien li jigi stabbilit minn din il-Qorti, allura l-atturi ghandhom jaghmlu dawn x-xogholijiet huma a spejjez tal-konvenuti.

5. Konsegwentement jigi ffissat zmien qasir u perentorju li fih ghandu jinghata access mill-fond proprjeta` tal-konvenuti bil-ghan illi jigu mwettqa x-xogholijiet kollha mehtiega.

6. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fil-fond proprjeta` taghhom, senjatament f'oggetti u ghamara, per konsegwenza ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-fond, ossia giardina, proprjeta' tal-konvenuti.

7. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti.

Bl-ispejez, inkluz tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Novembru 2005, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph u Katie konjugi Muscat u Anthony Farrugia li biha eccepew:

1. Preliminarjament, illi l-konvenut Anthony Farrugia mhuwiex legittimu kuntradittur ta' l-atturi stante li l-propjetarji tal-fond numru tlieta u sebghin (73) fi Triq il-Mithna, Zurrieq huma l-konvenuti l-ohra Joseph u Katie konjugi Muscat u ghalhekk il-konvenut Anthony Farrugia ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Il-konvenuti jiddikajraw illi sakemm l-access li qeghdin jitolbu li jinghataw l-atturi ikun ghall-iskopijiet intizi fl-Artikolu 446 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta allura huma jaqblu li din il-Qorti ghandha tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attrici, u ghaldaqstant l-istess talbiet ghandhom jintlaqghu

biss wara li l-atturi jiddikjaraw f'hiex jikkonsistu x-xoghlijiet li huma qeghdin jippretendu li jesegwixxu u li ghandhom isiru taht is-sorveljanza ta' periti nominandi, filwaqt li l-istess talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi fir-rigward ta' dawk ix-xogholijiet li l-atturi qeghdin jippretendu li jesegwixxu u li ma jaqawx fil-parametri ta' l-Artikolu 446 tal-Kap. 16;

3. Illi l-konvenuti mhumiex responsabbli ghal kwalunkwe danni li sofrew jew li jistghu qeghdin isofru l-atturi minhabba perkolazzjoni ta' ilma fil-fond proprjeta` taghhom u allegatment provenjenti mill-giardina tal-konvenuti, stante li kwalunkwe perkolazzjoni ta' ilma li l-atturi qeghdin isofru fil-fond proprjeta` taghhom huwa b'rizultat ta' forza magguri jew b'rizultat dirett ta' xogholijiet ezegwiti mill-istess atturi, liema xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti u bi ksur tal-Artikolu 403(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li in vista ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 403(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-konvenuti ma huma tenuti jaghmlu xejn sabiex jirrimedjaw kwalunkwe perkolazzjoni ta' ilma, u ghaldaqstant it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti prezentata mill-konvenuti u l-listatax-xhieda prezentata mill-konvenuti.

**C. KONTRO-TALBA TAL-KONVENUTI:**

Illi l-fond bin-numru sebgha u tletin (73) li Triq il-Mithna, Zurrieq huwa proprjeta` tal-konvenuti rikonvenjenti konjugi Muscat, filwaqt li l-konvenut Anthony Farrugia jgawdi biss dritt ta' uzufrutt fuq parti minn l-istess fond;

Illi l-atturi rikonvenuti akkwistaw il-fond bin-numru disgha u sittin (69) fi Triq il-Mithna, Zurrieq fis-sena elfejn u wiehed (2001) u wara tali akkwist ezegwew diversi xogholijiet u ghamlu diversi installazzjonijiet fl-istess fond, inkluz xogholijiet strutturali;

Illi fost xogholijiet strutturali ohra, l-atturi rikonvenuti bnew hajt ta’ gholi ta’ madwar zewg sulari fuq hajt tas-sejjieh antik li jifred il-proprjetajiet tal-kontendenti, liema xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti, tant illi l-istess hajt huwa fi stat perikoluz u anke f’perikolu li jiggarraf, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 415 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi dan l-istess hajt ma nbeniex mill-atturi rikonvenuti fuq il-linja medjana tal-hajt divizorju izda okkupaw il-wisgha kollu tal-hajt intier u ghalhekk l-atturi rikonvenuti approprjaw ruhhom illegalment u abuzivament mill-proprjeta` tal-konvenuti rikonvenjenti;

Illi l-atturi rikonvenuti invadew art u arja proprjeta` tal-konvenuti rikonvenjenti u dan peress illi partijiet minn dan l-istess hajt li bnew l-atturi jisporgi oltre l-wisa’ kollu ta’ l-istess hajt divizorju u fi proprjeta` tal-konvenuti rikonvenjenti;

Illi l-atturi rikonvenuti sahansitra saqqfu u irrendew abitabbli ambjenti mill-fond taghhom li qabel kienu jservu ta’ btiehi u li fihom kien jintlaqa’ l-ilma tax-xita, inkluz dak l-ilma provenjenti mill-gardina tal-konvenuti rikonvenjenti, u ghamlu xogholijiet ohra li permezz taghhom xekklu n-nixxiegha u/jew twaqqigh naturali ta’ l-ilma, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 403*(2)* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi b’rizultat ta’ tali xogholijiet, il-konvenuti rikonvenjenti qeghdin ibatu minn eccess ta’ ilma fil-fond taghhom li qabel l-ezekuzzjoni ta’ tali xogholijiet kien inixxi u/jew jaqa’ b’mod naturali;

Inoltre li fuq il-proprjeta` taghhom l-atturi rikonvenuti installaw pompa li l-hsejjes li tiggenera matul il-gurnata u l-lejl huma eccessivi, tant illi qieghed jinkiser il-mistrieh tal-konvenuti rikonvenjenti, liema hsejjes emmessi mill-istess pompa huma ta’ inkonvenjent serju ghall-konvenuti rikonvenjenti;

Ukoll illi l-atturi rikonvenuti wahhlu u/jew poggew pajpijiet ma’ hitan proprjeta` esklussiva tal-konvenuti rikonvenjenti

minghajr il-kunsens taghhom, liema installazzjonijiet saru illegalment u abbuzivament mill-atturi rikonvenuti u bi ksur ta' l-Artikolu 419(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk illi l-atturi rikonvenuti huma obbligati jhallsu lill-konvenuti rikonvenjenti l-appogg lilhom dovut meta bl-att taghhom irrendew komuni hitan li kienu jappartjenu esklussivament lill-konvenuti rikonvenjenti;

Il-konvenuti talbu lill-Qorti:

1. Jigi dikjarat u deciz illi l-hajt li bnew l-atturi rikonvenuti fuq il-hajt tas-sejjieh jifred il-proprjeta` tal-atturi rikonvenuti minn dik tal-konvenuti rikonvenjenti ma' nbeniex skond is-sengha u l-arti u bi ksur, *inter alia,* ta' l-Artiklu 414 (c) u 415 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tant illi l-istess hajt huwa f'periklu li jiggarraf;

2. Tordna lill-atturi rikonvenuti sabiex fi zmien qasIr u perentorju li jigi lilhom prefiss u a spejjez taghhom jaghmlu dawk ix-xogholijiet rimedjali mehtiega sabiex l-istess hajt ikun ta' tali qawwa li jerfa' l-piz tal-hajt kostruwit mill-atturi rikonvenuti fuqu u sabiex jigi rimoss l-istess periklu, u dan bl-osservanza ta' kull provvediment li din il-Qorti joghgobha taghti u taht id-direzzjoni ta' perit nominand sabiex jissorvelja l-istess xogholijiet;

3. Fin-nuqqas jigu l-konvenuti rikonvenjenti awtorizzati sabiex, a spejjez ta' l-atturi rikonvenuti, jaghmlu dawk ix-xogholijiet rimedjali necessarji fuq l-istess hajt u dan bl-osservanza ta' l-imsemmija provvedimenti u taht id-direzzjoni ta' l-istess perit;

4. Jigi dikjarat u deciz illi l-atturi okkupaw il-wisa' kollu ta' hajt divizorju li jifred il-proprjeta` ta' l-atturi rikonvenuti mill-proprjeta` tal-konvenuti u ghalhekk approprijaw ruhom illegalment u abbuzivament minn proprjeta` tal-konvenuti rikonvenjenti u dan peress illi l-hajt li tellghu l-atturi bnewh mhux fuq il-linja medjana tal-istess hajt imma interament fuq in-naha tal-konvenuti rikonvenjenti;

5. Tillikwida bl-opera ta’ perit nominand u konsegwentement tikkundanna lill-atturi rikonvenjenti jhallsu lill-konvenuti rikonvenjenti l-valur ta’ l-art, tal-hajt u tal-arja proprjeta` tal-konvenuti rikonvenjenti li l-atturi rikonvenuti illegalment u abbuzivament approprijaw ghalihom;

6. Jigi dikjarat u deciz illi l-atturi rikonvenuti, bhala s-sidien tal-fond aktar fil-baxx minn dak tal-konvenuti rikonvenjenti, ghamlu xogholijiet li permezz taghhom zammew in-nixxiegha u/jew it-twaqqiegh ta’ l-ilma mill-fond tal-konvenuti u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 403 (2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Jigu l-atturi rikonvenuti ordnati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss u a spejjez taghhom jaghmlu dawk ix-xogholijiet necessarji sabiex jilqghu n-nixxiegha u/jew it twaqqih ta’ ilma mill-fond tal-konvenuti rikonvenjenti u dan bl-osservanza ta’ kull provvediment li din il-Qorti joghgobha taghti u taht id-direzzjoni ta’ perit nominand sabiex jissorvelja l-istess xogholijiet;

8. Fin-nuqqas jigu l-konvenuti rikonvenjenti awtorizzati sabiex, a spejjez ta’ l-atturi rikonvenuti, jaghmlu dawk ix-xogholijiet necessarji sabiex jirrintegraw in-nixxiegha u t-twaqqiegh ta’ l-imla mill-proprjeta` tal-konvenuti rikonvenjenti ghall-proprjeta` ta’ l-atturi rikonvenuti, u dan bl-osservanza ta’ l-imsemmija provvedimenti u taht id-direzzjoni ta’ l-istess perit;

9. Jigi dikjarat u deciz illi l-pompa li stallaw l-atturi rikonvenuti fil-proprjeta` taghhom qeghda tohloq inkonvenjent serju lill-konvenuti rikonvenjenti, liema hsejjes jezorbitaw il-limiti ta’ tollerabilita`;

10. Jigu l-atturi rikonvenuti kkundannati u ordnati sabiex fi zmien qasir u perentorju u a spejjez taghhom jirrimwovu u/jew jaghmlu dak kollu mehtieg sabiex il-konvenuti rikonvenjenti ma’ jibqghux jigu hekk molestati, dan bl-osservanza ta’ kull provvediment li din il-Qorti

joghgobha taghti, inkluz dawk il-provvedimenti *ai termini* ta' l-Artikolu 222 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Fin-nuqqas jigu l-konvenuti rikonvenjenti awtorizzati sabiex a spejjez ta' l-atturi rikonvenuti jirrimwovu u/jew jaghmlu dak kollu ordnat lill-atturi rikonvenuti, bl-osservanza ta' kwalunkwe provvediment li joghgobha taghti din il-Qorti;

12. Jigi dikjarat u deciz illi l-atturi rikonvenuti wahhlu u/jew poggew ma' hitan proprjeta` tal-konvenuti rikonvenjenti u minghajr il-kunsens taghhom pajpijiet u stallazzjonijiet ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 419(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. Jigi dikjarat u deciz illi l-atturi rikonvenuti, bl-att taghhom stess, irrendew komuni hitan li kienu jappartjenu esklussivament lill-konvenuti rikonvenjenti u ghalhekk illi l-atturi rikonvenuti huma obbligati jhallsu lill-konvenuti d-dritt ta' appogg;

14. Tillikwida, bl-opera ta' perit nominand, u konsegwentement tikkundanna lill-atturi rikonvenuti jhallsu lill-konvenuti rikonvenjenti, il-valur ta' l-istess appogg.

Bl-ispejjez kontra l-atturi rikonvenzjonati li gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenuti.

**D. NOTA TA' ECCEZZJONIJIET GHALL-KONTRO-TALBA:**

Nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenuti Dominic Farrugia u Mary Rose Mizzi li biha eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok gie eccepit illi l-hajt tas-sejjiegh antik li fuqu bnew l-atturi rikonvenuti u li l-konvenuti rikonvenjenti qed isostnu li huwa hajt komuni, huwa effettivament proprjeta` assoluta u esklussiva ta' l-atturi rikonvenuti, u dan *ai termini* tal-Artikolu 409(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif jirrizulta mill-

konfigurazzjoni tal-proprjeta` u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, u kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat milI-konvenuti rikonvenjenti fl-ewwel (1) talba taghhom, ix-xogholijiet li gew ezegwiti milI-atturi rikonvenuti fil-fond proprjeta` taghhom sar kolIu taht is-supervizjoni u direzzjoni tal-Perit Arkitett u min-nies tas-sengha minnhom inkarigati, oltre l-fatt illi x-xogholijiet kienu kollha koperti bil-permessi mehtiega mill-Malta Environment & Planning Authority. Illi ghalhekk mhux minnu dak li qed jigi allegat mill-konvenuti rikonvenjenti li l-hajt huwa f'periklu li jiggarraf, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi jsegwi ghalhekk iIli t-tieni (2) u tielet (3) talbiet tal-konvenuti rikonvenjenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti rikonvenjenti.

4. Illi fir-rigward tar-raba' (4) talba, u fid-dawl ta' dak li gie ecceppiet mill-atturi rikonvenuti fI-ewwel (1) eccezzjoni taghhom, u cioe` li l-hajt antik li fuqu l-atturi rikonvenuti bnew il-hajt divizorju li ghalih qed issir referenza mill-konvenuti rikonvenjenti mhux komuni izda proprjeta` esklussiva ta' l-atturi rikonvenuti, jsegwi ghalhekk illi mhux minnu li l-atturi rikonvenuti approprjaw ruhhom illegalment u abbuzivament minn proprjeta` tal-konvenuti.

5. Illi jsegwi ghalhekk illi l-hames (5) talba ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti rikonvenjenti.

6. Illi fir-rigward tas-sitt (6) talba, din ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti rikonvenjenti stante li mhux minnu dak li qed jigi allegat mill-konvenuti li l-atturi rikonvenuti zammew in-nixxiegha u/jew twaqqih ta' l-ilma mill-fond taghhom ghal dak tal-atturi rikonvenuti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u fil-fatt l-atturi rikonvenuti hadu l-provvedimenti mehtiega sabiex ikun hemm ilqugh adegwat tal-ilma mill-fond tal-konvenuti. Illi minkeija li l-

atturi rikonvenuti hadu l-mizuri mehtiega xorta qed isofru perkolazzjoni eccessiva ta’ ilma mill-fond proprjeta` konvenuti, u dan minhabba ragunijiet u tortijiet imputabbli lill-konvenuti rikonvenjenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u li huwa fil-fatt il-mertu tal-kawza odjerna.
7. Illi jsegwi ghalhekk ilIi s-seba’ (7) u tmien (8) talba tal-konvenuti rikonvenjenti ghandhom jigu respinti wkoll bl-ispejjez kontra taghhom.

8. Illi fir-rigward tad-disa’ (9) talba tal-konvenuti rikonvenjenti, jehtieg illi l-istess konvenuti jiddikjaraw taht liema provvediment tal-Ligi qed issir tali talba, stante li tali talba hija improponibbli; illi ghalhekk l-atturi rikonvenuti irriservaw id-dritt Ii jressqu eccezzjonijiet ulterjuri, skond il-kaz.

9. Illi flr-rigward tat-tnax-il talba (12), din hija preskritta bil-preskrizzjoni biennali; illi ghalhekk isegwi li ghandhom jigu respinti wkoll it-tlettax (13) u erbatax (14)-il talba tal-konvenuti rikonvenjenti, u dan bl-ispejjez kontra taghhom.

10. Illi fi kwalunkwe, u minghajr pregudizzju ghas-suecceppiet, l-atturi rikonvenuti gia hallsu kwalunkwe appogg Ii kien dovut minnhom lill-konvenuti rikonvenjenti, u dan ghas-saldu ta’ kwalunkwe pretensjoni li seta’ kellhom f’dan ir-rigward l-istess konvenuti, u dan kif jirrizulta minn dokumenti mehmuza.

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**E. PROVI:**

Rat id-digriet tad-19 ta’ Gunju 2006 li permezz tieghu l-Perit Alan Saliba gie nominat bhala perit tekniku.

Rat ir-rapport tal-Perit Alan Saliba li fih ghamel is-segwenti konkluzjonijiet:

“86 L-ewwel u t-tieni talba ta’ l-atturi ghandhom jigu milqughha senjatament sabiex l-atturi jinghataw access mill-fond tal-konvenuti biex jaghmlu t-tikhil tal-hajt tas-sejjiegh u jnehhu l-qoxra u l-plastik li saru fil-gardina tal-konvenuti. Dwar ix-xogholijiet tal-pilastri l-atturi ghandhom jinghataw access biss ghall-armar tal-pilastri minn barra u kif ukoll minhabba li tizvara l-hamrija waqt it-thaffir ghall-pedamenti ta’ l-istess pilastri. L-esponent Perit Tekniku jikkonsidra access ta’ sbatax-il gurnata mill-proprjeta` tal-konvenuti bhala sufficjenti sabiex isiru dawn ix-xogholijiet mill-atturi.

87 Dwar it-tielet talba jirrizulta li l-atturi qed isofru danni per konsegwenza ta’ perkolazzjoni naturali ta’ ilma mill-gardina aktar gholja tal-konvenuti, liema perkolazzjoni pero` irrizultat minhabba xogholijiet esegwiti mill-istess atturi li iddevjaw in-nixxiegha naturali ta’ l-ilma mill-gardina tal-konvenuti.

88 Ir-raba’ talba tal-atturi ma tirrizultax billi x-xogholijiet li hemm bzonn isiru ghandhom isiru mill-atturi fil-proprjeta` taghhom. Ghalhekk lanqas ma jirrizultaw il-hames, is-sitt u s-seba’ talba ta’ l-atturi ii jittrattaw dwar l-access u danni relatati ma’ dawn ix-xogholijiet.

89 Dwar l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-konvenut Anthony Farrugia m’huwiex il-legittimu kuntradittur gew prezentati kopji ta’ atti notarili ghat-trattazzjoni minn aspett legali.

90 Dwar l-ewwel kontrotalba tal-konvenuti rikonvenjenti jirrizulta li l-hajt divizorju proprjeta` tal-atturi rikonvenuti, mibni mill-istess atturi rikonvenuti fuq il-hajt tas-sejjiegh ma nbeniex skond l-arti u s-sengha.

91 Dwar it-tieni kontrotalba tal-konvenuti rikonvenjenti hemm qbil bejn il-kontendenti li jridu jsiru xogholijiet ta' rinforz tal-hajt divizorju. It-tielet kontrotalba sabiex dawn ix-xogholijiet isiru mill-konvenuti rikonvenjenti fin-nuqqas issegwi din it-tieni kontrotalba salv merti legali dwar l-*ownership* tal-hajt divizorju.

92 Dwar ir-raba' kontrotalba tal-konvenuti rikonvenjenti jirrizulta li l-atturi okkupaw parti zghira mill-proprjeta` tal-konvenuti meta bnew qoxra fir-rokna tal-gardina tal-konvenuti.

93 Il-hames kontrotalba tirrizulta billi din il-qoxra li nbniet mill-atturi fil-proprjeta` tal-konvenuti rikonvenjenti ghandha titnehha kif imsemmi ghas-seba' kontrotalba.

94 Is-sitt kontrotalba tal-konvenuti rikonvenjenti tirrizulta billi l-atturi ghamlu xogholijiet li zammew in-nixxiegha ta' l-ilma mill-fond tal-konvenuti.

95 Skond is-seba' kontrotalba, ix-xogholijiet rimedjali li ghandhom isiru mill-atturi huma sistema ta' kanali matul il-hajt divizorju sabiex jiehdu l-ilma li jaqa' mill-gardina tal-konvenuti li tinsab f'livell aktar gholi u kif ukoli it-tnehhija tal-qoxra u l-plastik li saru mill-atturi fir-rokna tal-gardina tal-konvenuti li irrizulta wkoll li ghandha titnehha skond il-hames kontrotalba,

96 It-tmien talba ssegwi s-seba' kontrotalba f'kaz li l-atturi ma jesegwixxux ix-xogholijiet hemm indikati.

97 Dwar id-disa' kontrotalba tal-konvenuti rikonvenjenti jirrizulta li saru xogholijiet mill-atturi fil-mori tal-kawza odjerna li irrisolvew il-kwistjoni dwar il-hsejjes iggenerati mill-pompa ta' l-ilma ta' l-atturi. L-ghaxar u l-hdax-il kontrotalba jsegwu d-disa' wahda u ghalhekk m' ghandhomx jigu milqughha.

98 Dwar it-tnax, it-tlettax u l-erbatax-il kontrotalba tal-konvenuti rikonvenjenti jirrizulta li l-konvenuti thallsu dritt ta' appogg dwar din il-parti l-ohra ta' quddiem tal-hajt divizorju u ma tressqux provi bizzejjed dwar drittijiet

ulterjuri dovuti mill-atturi lill-konvenuti salv ukoll il-mertu legali dwar l-eccezzjoni preskrittiva mressqa mill-atturi rikonvenuti."

Xehed il-Perit Alan Saliba in eskussjoni fejn irrisponda ghad-domandi li jinsabu a fol 236 u li fihom stqarr li l-attur kellu l-intenzjoni li jaghmel il-konnessjoni proprja mal-kanal li jilqa' l-ilma min-naha tal-konvenuti li pero` ma saritx minhabba xi differenzi li irrizultaw bejn il-partijiet. Li kieku saret din il-konnessjoni min-naha tal-konvenuti, xorta wahda ma kienux jigu evitati l-problemi li qed jirriskontraw l-atturi rizultanti minn perkolazzjoni ta' ilma kif inghad f'paragrafu 37 tar-relazzjoni. Zied li d-*data* biex tikkalkula l-*load bearing capacity* ta' hajt tas-sejjiegh (mhux ta' hajt antik) ma tezistix. Sostna li l-hajt tas-sejjiegh fuq il-livell tal-hamrija tal-konvenuti ghandhu jitkahhal. Semma li l-i*spreader beam* ma kienx qed jahdem billi irrizultaw qsim fil-gebel tal-hajt tas-sejjiegh.

## F. KONSIDERAZZJONIJIET:

### ***<u>F1. Rapport peritali:</u>***

Il-Qorti tosserva li l-hafna kwistjonijiet sollevati f'din il-kawza huma bazikament ta' natura teknika li l-Perit Saliba wasal ghalihom wara accessi u sema' x-xhieda u qies il-kunsiderazzjonijiet dwar il-bini dejjem in relazzjoni mad-disposti legali relattivi. Ghalkemm f'xi partijiet il-kontendenti ma qablux mal-konkluzjonijiet ta' l-istess perit, huma ghazlu li ma jitolbux in-nomina ta' periti addizzjonali izda jippruvaw isostnu l-argumenti taghhom kemm permezz ta' l-eskussjoni kif ukoll tan-noti ta' osservazzjonijiet.

Dwar kunsiderazzjonijiet li l-Qorti ghandha taghti lir-rapport peritali l-Qorti tirreferi ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 fl-ismijiet **Louis Theuma vs Anthony Borg** irriteniet illi:
"l-appellant jilmenta, u f'dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha

taht kull aspett. F’okkazzjonijiet simili kien hemm gudikati ta’ din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero’ tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b’mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f’dan il-kaz”.
[Ara wkoll PA – LFS – 22/6/04 **Clive Simpson vs John Saliba noe et**].

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Vella Carmel vs Sammut Victor** (Prim’Awla – Imh. P. Sciberras), deciza fit-18/2/2004 intqal:
“Issa huwa pacifiku f’ kazijiet ta’ din ix-xorta illi l-gudizzju tal-Qorti kellu necessarjament ikun bazat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha koncessa b’ talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali. Ara “**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emmanuele Muscat *et***”, Appell Civili, 23 ta’ Gunju 1967;

Huwa minnu illi skond l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bhal materjali istruttorji ohrajn huma kontrollabbli mill-gudikant, kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. “Dan pero` ma tistax taghmlu b’ mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami” - “**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine***”, Appell, 29 ta’ Mejju 1998. Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi “f’ cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi

jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b' mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati" - "**Benjamin Camilleri *nomine* vs Charles Debattista *nomine***", Appell, 9 ta' Frar 2001."

Fil-kawza **Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et** (Imh. J. R. Micallef - 01/03/2004) inghad:
"Ir-ragunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqghod fuqu ghaliex, ghalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konkluzjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta' prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta' provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux App Civ 9/2/2001 – **Camilleri vs Debattista**]. Ghalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqghod ghal fehmiet ta' perit minnha mahtur kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha [Kap 12 Art 681], madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'ghandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod car li l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-perit huma irragonevoli [App Civ 23/6/1967 **Bugeja vs Muscat *et***]."

## ***<u>F2. Legittimu kontradittur:</u>***

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kollha hija li l-konvenut Anthony Farrugia mhux legittimu kontradittur minhabba li l-proprjeta` 73, Triq il-Mithna, Zurrieq hija proprjeta` tal-konjugi Muscat u li ghalhekk Anthony Farrugia ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Irrizulta li b'kuntratt Nutar J. Laferla Saliba tas-6 ta' April 1987, Joseph Muscat akkwista b'cens perpetwu l-fond 28, Triq il-Mithna, Zurrieq u in segwitu feda c-cens b'kuntratt

iehor ta' l-10 ta' Ottubru 1988. Anthony Farrugia gie mholli b'titolu ta' pre-legat il-fond 28A, Triq il-Mithna, Zurrieq bil-gjardina mieghu permezz ta' testment tat-13 ta' Mejju 1987, Atti Nutar J. Laferla Saliba. Bl-istess testment Katie Muscat giet imhollija b'titolu ta' pre-legat il-gjardina annessa mal-fond 28A, suggetta ghall-uzufrutt tal-konvenut l-iehor Anthony Farrugia. Ghalhekk Anthony Farrugia huwa uzufruttwarju tal-gjardina proprjeta` tal-konvenuti u dan certament iwassal ghall-konkluzjoni li ghandu interess fil-kawza. Anke t-talba ta' l-atturi ghall-access biex isiru x-xogholojiet ta' manutensjoni u riparazzjoni tolqot lill-uzufruttwarju, u ghalhekk sewwa ghamlu l-atturi li ghan-natura tal-kawza istitwita gie indikat Anthony Farrugia wkoll bhala wiehed mill-intimati, b'dan li l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

***<u>F3. Access ghall-fond proprjeta` tal-konvenuti biex isiru xogholijiet ta' riparazzjoni u manutensjoni:</u>***

L-ewwel u t-tieni talba tac-citazzjoni attrici hija biex huma jinghataw access mill-fond proprjeta` tal-konvenuti biex jaslu ghall-hajt divizorju biex isiru xogholijiet ta' manutensjoni u riparazzjoni. Il-konvenuti qablu ghal dawn it-talbiet *purche*` dan ikun ghall-iskopijiet intizi fl-artikolu 446 tal-Kap 16. Il-Perit Tekniku wasal ghall-konkluzjoni li dawn it-talbiet ghandhom jigu milqugha biex isir it-tikhil tal-hajt tas-sejjiegh u titnehha l-qoxra u l-plastik li saru fil-gjardina tal-konvenuti, kif ukoll li ghandu jinghata access biss ghall-armar tal-pilastri u zvarar tal-hamrija waqt it-thaffir ghall-pedamenti ta' l-istess pilastri, u dan ghall-perjodu ta' 17-il gurnata. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-istess perit u m'humiex xogholijiet kif sottomess fin-nota tal-konvenuti a fol 257 li juzurpaw id-drittijiet tal-konvenuti. Ghalhekk l-ewwel zewg talbiet ta' l-atturi ser jigu milqugha.

***<u>F4. Danni subiti mill-atturi:</u>***

L-atturi bhala tielet talba sostnew li ghandu jkun hemm dikjarazzjoni li huma qed isofru danni bhala konsegwenza tal-perkolazzjoni ta' ilma mill-gjardina tal-konvenuti. Izda lill-Perit Arkitett irrizultalu li tali perkolazzjoni ghalkemm veru ezistenti, kienet kawza tax-xogholijiet ezegwiti mill-istess atturi li iddevjaw in-nixxiegha naturali ta' l-ilma mill-

gjardina tal-konvenuti. Huwa veru li l-atturi ipprezentaw ricevuti u stimi ta' hsarat subiti (ara fol 133 tal-process) izda l-konvenuti m'ghandhomx jirispondu ghal danni pretizi mill-atturi kawza ta' perkolazzjoni ta' ilma kawzata mill-istess atturi. L-aspett tal-perkolazzjoni ta' l-ilma gie studjat dettaljatament mill-Perit Tekniku fil-paragrafi 25 *et* tar-relazzjoni peritali, fol 123 *et* tal-process. Ghalhekk it-tielet talba sejra tigi michuda.

***F5. Xogholijiet necessarji:***

Fir-raba' talba taghhom l-atturi sostnew li l-konvenuti ghandhom jaghmlu xogholijiet rimedjali fil-gjardina taghhom sabiex ma jkunx hemm aktar perkolazzjoni ta' l-ilma. Hawnhekk il-Qorti terga' tirreferi ghall-parti teknika dwar il-perkolazzjoni ta' ilma u ghal dak sostnut mill-Perit Tekniku fejn jirrizulta li x-xogholijiet necessarji ghandhom isiru mill-atturi fil-proprjeta` taghhom bil-konsegwenza li din ir-raba' talba mhux gustifikata. Konsegwentement ghandhom jigu michuda wkoll il-hames, sitt u s-seba' talba ta' l-istess atturi.

***F6. Sahha tal-hajt divizorju:***

Fil-kontro-talba tal-konvenuti – 14-il kontro-talba – fl-ewwel wahda l-konvenuti rikonvenjenti talbu li jigi dikjarat u deciz li l-hajt mibni mill-atturi rikonvenuti fuq il-hajt tas-sejjiegh li jifred il-proprjeta` ta' l-atturi mill-bieb tal-konvenuti ma nbeniex skond is-sengha u l-arti bi ksur tal-Kap 16 art 414(c) u 415.

L-aspett dwar is-sahha tal-hajt divizorju gie trattat mill-Perit Tekniku f'fol 130 *et* tal-process. Il-hajt tas-sejjiegh mhux *load bearing wall* li jista' jerfa' piz fuqu bhal fil-kaz in ezami, izda huwa intiz ghal delimitazzjoni bejn zewg proprjetajiet. Irrizulta li l-gebel tas-sejjiegh diga bdew jinqasmu minhabba *point loads eccessivi* iggenerati fil-gebel tal-hajt, imqieghdha b'sistema *dry* u mhux bit-tajn li jservi sabiex jifrex il-piz. Qabel ma l-Perit Abela wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu hu sema' l-periti tal-partijiet u cioe` lill-perit ta' l-atturi Aaron Abela u tal-konvenuti Charles Cassar. Il-Qorti taqbel mal-istess perit li dan il-hajt tas-sejjiegh ghandu jigi rinforzat u ghandhom isiru *re-inforcing columns*. Dan stess jirrizulta mid-disa' paragrafu

tad-Dokument “AA1” fil-*method statement* preparat mill-Perit Abela li jinsab a fol 154A tal-process. Ghalhekk il-hajt divizorju ghandu jigi msahhah permezz ta’ zewg pilastri li jerfghu l-i*spreader beam* li hemm fuq il-hajt tas-sejjiegh sabiex il-piz tal-hajt u s-saqaf gdid ta’ l-atturi jigi trasmess lejn il-pedamenti u ma jibqax iserrah fuq il-hajt tas-sejjiegh. Ix-xoghol ghandu jsir kif elenkat f’paragrafu 45 a fol 131 tal-process. Bazikament il-Qorti miexja in linja ma’ dak sottomess a fol 260 tal-process fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenuti. Ghalhekk il-Qorti sejra tiddikjara li dan il-hajt ma nbeniex skond is-sengha u l-arti u ser tordna lill-atturi rikonvenuti biex fi zmien ta’ sitt xhur mil-lum taht is-sorveljanza tal-Perit Alan Saliba jaghmlu dawk ix-xogholijiet rimedjali mehtiega.

***<u>F7. Okkupazzjoni tal-hajt divizorju:</u>***
Fir-raba’ talba tal-konvenuti rikonvenjenti hemm it-talba li l-Qorti tiddikjara li l-atturi okkupaw il-wisgha kollu tal-hajt divizorju. Il-Perit Tekniku ikkonkluda fil-paragrafu 92 a fol 143 li l-atturi okkupaw parti zghira mill-proprjeta` tal-konvenuti meta bnew qoxra fir-rokna tal-gjardina tal-konvenuti. Dan l-aspett gie ezaminat aktar fil-fond mill-istess perit fil-paragrafi 55 *et sequens* a *fol* 134 *et* tal-process. Il-Qorti taqbel ma’ dak sottomess fil-paragrafi 56 sa 67 u taghmilhom taghha. Dwar il-hames kontro-talba, fil-paragrafu 93 tar-relazzjoni, il-Perit Saliba qal hekk:
“93 Il-hames kontrotalba tirrizulta billi din il-qoxra li nbniet milI-atturi fil-proprjeta` tal-konvenuti rikonvenjenti ghandha titnehha kif imsemmi ghas-seba’ kontrotalba.”

***<u>F8. Xogholijiet mill-atturi:</u>***
Fis-sitt kontro-talba hemm li l-istess atturi rikonvenuti ghamlu xogholijiet li permezz taghhom zammew in-nixxiegha ta’ l-ilma mill-fond tal-konvenuti bi ksur ta’ l-artikolu 403(2) tal-Kap 16. Din ukoll fil-fehma tal-Perit Tekniku tirrizulta ippruvata ghax l-atturi ghamlu xogholijiet li zammew in-nixxiegha ta’ l-ilma mill-fond tal-konvenuti u ghalhekk din it-talba ghandha tigi milqugha. Ix-xogholijiet imsemmija fil-paragrafu 95 tar-rapport peritali a fol 143 tal-process ghandhom isiru mill-atturi rikonvenuti fi zmien sitt xhur.

***F9. Pompa istallata mill-atturi:***

Il-konvenuti talbu li l-Qorti tiddikjara li l-pompa istallata mill-atturi qed tohloq inkonvenjent serju lilhom, liema hsejjes jezorbitaw il-limiti ta' tolleranza. Irrizulta li fil-mori tal-kawza saru xogholijiet mill-atturi principalment billi sar *enclosure* tal-*jablo* u b'hekk il-hoss gie rez ghal wiehed baxx hafna, simili jew anqas ghall-hoss li jaghmel *outdoor unit* ta' *air conditioner* (ara paragrafi 82 u 97 tar-relazzjoni). B'hekk il-kwistjoni dwar l-istorbju giet rizolta.

***F10. Pajpijiet u istallazzjonijiet imwahhla mill-atturi ma' hitan proprjeta` tal-konvenuti bi ksur ta' l-artikolu 419(b) tal-Kap 16:***

Il-Perit Tekniku irrelata li irrizulta li l-konvenuti thallsu dritt ta' appogg dwar din il-parti l-ohra ta' quddiem tal-hajt divizorju u ma tressqux provi bizzejjed dwar drittijiet ulterjuri dovuti mill-atturi lill-konvenuti. L-atturi rikonvenuti eccepew li t-talba hija preskritta bi preskrizzjoni bi-ennali u li ghalhekk isegwi li ghandhom jigu respinti wkoll it-13 u l-14-il talba tal-konvenuti rikonvenjenti. Irrizulta li x-xogholijiet ta' kostruzzjoni gew kompletati fi Frar 2003 skond l-affidavit ta' l-attur paragrafu 6. Irrizulta li l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenjenti giet intavolata fit-13 ta' Gunju 2006 (ara fol 34 tal-process) u mhux kif sostnut mill-atturi a fol 248 li f'Lulju 2006. F'kull kaz jirrizulta li ghaddew aktar minn sentejn. Kull ammont huwa preskritt. Huwa veru li huwa desiderabbli kif sostnut mill-konvenuti a fol 265 *et* tal-process ta' indikazzjoni cara ta' l-artikolu u dan anke skond is-sentenzi **Manche` vs Said**, Prim'Awla, 28/06/2003 u **Gauci vs Farrugia**, Appell Sede Inferjuri, 22/06/2005, izda fil-kaz in ezami l-preskrizzjoni ta' dan l-ammont hija cara.

**G. KONKLUZJONIJIET:**

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar legittimu kontradittur, ghar-ragunijiet imsemmija taht "F2" din hija michuda.

Dwar l-ewwel u t-tieni talba attrici ghall-access ghall-fond proprjeta` tal-konvenuti biex isiru xogholijiet ta' riparazzjoni u manutensjoni, kif issemma taht "F3" hawn

fuq dawn huma milqugha.  Ghalhekk tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

Dwar it-tielet talba, ghar-ragunijiet imsemmija taht “F4”, din hija michuda.  It-tielet eccezzjoni tal-konvenuti hija milqugha.

Dwar ir-raba’ sas-seba’ talba ta’ l-atturi dwar xogholijiet rimedjali hlief ghall-access imsemmi bil-mod kif imsemmi taht “F5” dawn qed jigu michuda ghar-ragunijiet hemm indikati.

Dwar l-ewwel kontro-talba fuq is-sahha tal-hajt divizorju, ghar-ragunijiet imsemmija taht “F6”, dan il-hajt ma nbeniex skond is-sengha u l-arti u l-atturi rikonvenuti huma ordnati biex fi zmien sitt xhur mil-lum jaghmlu x-xoholijiet rimedjali hemm imsemmija taht is-sorveljanza tal-Perit Alan Saliba li qed jigi nominat ghal dan l-iskop. Jekk dan ix-xoghol ma jsirx fiz-zmien imsemmi l-konvenuti huma awtorizzati wara rikors appozitu li jaghmlu huma stess dawn ix-xogholijiet.  F’dan is-sens it-tieni u t-tielet talbiet rikonvenzjonali huma milqugha.

Dwar ir-raba’ talba rikonvenzjonali din tirrizulta u tirreferi kemm dwar din it-talba kif ukoll ghall-hames talba ghal dak li hemm provvdut f’“F7”.

Il-Qorti tirreferi ghal “F8” hawn fuq dwar xogholijiet maghmula mill-atturi dwar is-seba’ talba, liema talba hija milqugha u x-xogholijiet imsemmija f’paragrafu 95 tar-rapport peritali a fol 143 tal-process ghandhom isiru mill-atturi rikonvenuti fi zmien sitt xhur taht is-sorveljanza tal-Perit Alan Saliba u fin-nuqqas awtorizzati l-konvenuti jaghmlu dawn ix-xogholijiet a spejjez ta’ l-atturi wara rikors appozitu.

Dwar id-disa’, ghaxar u hdax-il-talba, din il-kwistjoni giet illum rizolta u m’hemmx ghalfejn il-Qorti tipprovdi dwarha.

Dwar it-tnax, tlettax u erbatax-il talba rikonvenzjonali, din hija in parti mhallsa u in parti preskritta u ghalhekk tichad l-istess talba.

Dwar spejjez, zewg terzi ghall-atturi u terz ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------